

Brussell, 7 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5874/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0015(BUD)

FIN 97
SOC 56

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5668/22 (COM(2022) 25 final)
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (EGF/2022/000 TA 2022 - Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni)

1. Fis-26 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2022¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza ammont ta' EUR 290 000, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, biex ikopri l-assistenza teknika relatata mal-FEG, f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament FEG tat-28 ta' April 2021². L-assistenza teknika għandha l-objettiv li tippromwovi n-networking fost l-Istati Membri, tinforma u żżid il-viżibbiltà tal-FEG, iżżomm u taġġorna sistema ta' skambju ta' data elettronika u tiġbor data dwar l-applikazzjonijiet li jkunu waslu, tħallsu u nġhalqu, u dwar il-miżuri proposti u implimentati.

¹ Dok. 5669/22.

² Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Frar 2022 u seta' japprovaha.
 4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 5875/22.
-